## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1139/2021**

### L-AVUKAT DOTTOR ALEXANDER SCHEMBRI

**DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' NUMRU 373282(M)**

**GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TAL-ASSENTI**

### ZHOGOLEV VALERIY TAGIROVIC

**DETENTUR TAL-PASSAPORT NUMRU 750091995**

**VS**

### ZENITH TRADING LIMITED

**BIN-NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI C71382**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnejn (2) ta' Mejju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrent noe ppreżentat fid-dsatax (19) ta' Novembru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex is-soċjeta' intimata

tiġi dikjarata debitriċi tal-attur fis-somma ta' €40,049.51 u tiġi kundannata tħallas lill-attur l-istess somma.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar id-dsatax (19) ta' Novembru 2021, ir-rikorrent l-**<u>Av Dr Alexander Schembri noe</u>** ippremetta:

   a. *Illi l-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282(M) ġie debitament awtorizzat sabiex jippreżenta l-proċeduri odjerni f'isem l-attur Zhogolev Valeriy Tagirovic, detentur tal-passaport numru 750091995, bis-saħħa ta' prokura speċjali tal-14 ta' Settembru 2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa bħala* ***Dok A****;*

   b. *Illi, permezz ta' kuntratt, ossija Contract of Purchase and Sale (Supply), bin-numru ta' riferenza 367_2019 tas-6 ta' Novembru 2019 – li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, flimkien ma' traduzzjoni għall-Ingliż, bħala* ***Dok B*** *– li ġie ffirmat bejn l-attur u l-kumpanija konvenuta, l-attur ordna, mingħand l-istess kumpanija konvenuta, diversi biċċiet ta' għamara, u dan għall-prezz hemm pattwit u taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;*

   c. *Illi, akkont ta' dan il-ftehim, l-attur ħallas lill-kumpanija konvenuta s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€44,444.61), kif jirriżulta mid-dokument hawn anness bħala* ***Dok C****;*

   d. *Illi, permezz ta' kuntratt ieħor, ossija Contract of Purchase and Sale (Supply), bin-numru ta' riferenza 387/2020, tad-29 ta' Jannar 2020 – li kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa, flimkien ma' traduzzjoni għall-Ingliż, bħala* ***Dok D*** *– li ġie ffirmat bejn l-attur u l-kumpanija konvenuta, l-attur reġa' ordna, mingħand l-istess kumpanija konvenuta, diversi*

*biċċiet ta' għamara oħra, u dan għall-prezz hemm pattwit u taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kollha hemm imfissra;*

e. *Illi, akkont ta' dan it-tieni ftehim, l-attur ħallas, lill-kumpanija konvenuta, s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf, mitejn u disgħin Ewro (€24,290), kif jirriżulta mid-dokument hawn anness bħala* ***Dok E****;*

f. *Illi, madanakollu, il-kumpanija konvenuta kkonsenjat biss lill-attur, biċċa għamara waħda, u, filwaqt illi rrifondiet, lill-istess attur – u dan meta kien sar evidenti li hija ma setgħetx tikkonsenja l-għamara kollha li kienet ġiet ordnata – parti miż-żewġ somom li l-attur kien ħallas akkont taż-żewġ kuntratti hawn fuq imsemmija, hija naqset milli tirrifondi, lill-istess attur, is-somma kumplessiva ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51);*

g. *Illi, minkejja li l-kumpanija konvenuta ġiet interpellata, mill-attur, sabiex tirrifondi, lill-istess attur, is-somma dovuta, u dan permezz ta' ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 2021, ossija ittra uffiċjali numru 3933/2021, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa bħala* ***Dok F,*** *l-istess kumpanija konvenuta, minkejja li rrifondiet parti mill-ammont dovut wara l-preżentata tal-istess ittra uffiċjali, baqgħet inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi fir-rigward tar-refużjoni tal-bilanċ ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51);*

h. *Illi, sa fejn jaf l-attur, jeżistu r-rekwiżiti kollha tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex dan ir-rikors ġuramentat jiġi deċiż bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża, u dan billi l-ħlas tas-somma kumplessiva ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51) dovuta mill-kumpanija konvenuta lill-attur, tikkwalifika bħala dejn illi huwa ċert, likwidu u li għalaq, u li ma jikkonsistix fl-esekuzzjoni ta' fatt, u billi, apparti minn hekk, u safejn huwa magħruf mill-istess attur, il-kumpanija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talba għall-ħlas tal-istess imsemmija somma ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51);*

   i. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, skond l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta);*

   ii. *Tiddikjara illi l-kumpanija konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51);*

   iii. *Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lill-attur l-imsemmija somma ta' erbgħin elf u disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51).*

   *Bl-ispejjez, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 2021, u bl-imgħaxijiet, dekorribbli mit-3 ta' Frar 2020 – ossija mid-data tal-aħħar pagament illi sar mill-attur lill-kumpanija konvenuta – sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru 2021, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, għaxra (10) ta' Diċembru 2021, b'ordni lis-soċjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tar-rikorrent, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent;

5. Waqt is-seduti tal-għaxra (10) ta' Diċembru 2021, tal-erbgħa (4) ta' Frar 2022 u tat-tmintax (18) ta' Marzu 2022, il-kawża baqgħet differita għan-notifika tas-soċjeta' konvenuta, sakemm finalment ġiet notifikata bil-proċedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni;

6. Waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta’ Mejju 2022, il-Qorti, wara li semgħet l-avukati difensuri tal-partijiet, dehrilha illi s-soċjeta’ konvenuta għandha difiża x’tagħmel għat-talbiet attriċi, u kkonċeditilha għoxrin (20) jum għar-risposta ġuramentata;

7. Permezz ta’ risposta ġuramentata datata tlieta (3) ta’ Ġunju 2022, is-soċjeta’ intimata **Zenith Trading Limited** eċċepiet:

    a. *Illi preliminarjament jinghad illi l-attur proprio m’ghandux l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex jintavola din il-kawza u dan ghaliex kwalunkwe hlas dovut, m’huwiex dovut lir-rikorrent izda lil terzi persuni, li taghhom, ir-rikorrent huwa biss agent stante li huwa d-designer tieghu. Dan anke` johrog bic-car mill-komunikazzjoni bejn l-attur proprio u Luca Pongiluppi qua direttur tas-socjeta` konvenuta, u li s-socjeta` esponenti diga` esebiet fl-atti ta’ din il-kawza waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2022;*

    b. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta lill-attur iressaq prova ta’ dak attwalment miftihem bejn il-partijiet u dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-kuntratt esebit mir-rikorrent huwa bil-lingwa Russa, m’huwiex awtentikat, u t-traduzzjoni tal-istess la hija wahda awtentikata u lanqas ufficjali. F’dan ir-rigward, is-socjeta` esponenti tirriserva li tressaq eccezzjonijiet ulterjuri;*

    c. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-ftehim bejn il-partijiet ma giex esegwit stante nuqqas da parti tal-klijent u dan ghaliex kien hu li rega dawwar hsiebu dwar l-ordnijiet minnu maghmula, u dan minbarra l-fatt illi kien hemm diffikulta` biex tali kuntratt jigi esegwit minhabba l-fatt illi l-post fejn kellu jigi esegwit il-kuntratt huwa r-Russja;*

    d. *Illi ghall kull buon fini jigi rilevat li l-pagamenti maghmula lill-klijent mis-socjeta` konvenuta huma aktar minn dak indikat fir-rikors promotur;*

e. *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, u ghar-ragunijiet li ser jigu ppruvati fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-esponenti m'għandhomx ibagħtu l-ispejjeż ta' din il-proċedura.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa min'issa ngunt in subizzjoni.*

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent noe datat dsatax (19) ta' Novembru 2021, u d-dokumenti annessi miegħu;

9. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' intimata datata tlieta (3) ta' Ġunju 2022;

10. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent noe permezz ta' nota datata sebgħa (7) t'Ottubru 2022, immarkati **Dok G sa Dok J**, a fol 70 *et seq* tal-proċess;

11. Rat il-kopja informali tal-affidavit ta' **Zhogolev Valeriy Tagirovic**, immarkat **Dok K** a fol 155 *et seq* tal-proċess;

12. Rat il-kopja informali tal-affidavit ta' **Olga Aleksandrovna Belykh,** immarkat **Dok L** a fol 167 tal-proċess;

13. Rat l-affidavit oriġinali ta' **Zhogolev Valeriy Tagirovic**, immarkat **Dok O1** a fol 171 *et seq* tal-proċess;

14. Rat l-affidavit oriġinali ta' **Olga Aleksandrovna Belykh**, immarkat **Dok O2** a fol 196 tal-proċess;

15. Rat l-affidavit ta' **Khotkina Olga Robertovna**, immarkat **Dok KOR** a fol 199 *et seq* tal-proċess;

16. Rat id-dokumenti esebiti mir-rikorrent noe permezz ta' nota datata disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023, immarkati **Dok Z sa Z2** a fol 205 *et seq* tal-proċess;

17. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Avukat Dr Alexander Schembri**, prodott mis-soċjeta' konvenuta, waqt is-seduta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2023[1];

18. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Zhogolev Valeriy Tagirovic**, prodott mis-soċjeta' konvenuta in kontro-eżami, waqt is-seudta tal-għaxra (10) t'Ottubru 2023[2];

19. Ħadet konjizzjoni tax-xhieda ta' **Olga Aleksandrovna Belykh** u **Khotkina Olga Robertovna** illi ngħatat quddiem l-Assistent Ġudizzjarju nhar il-ħdax (11) ta' Jannar 2024, esebita permezz ta' nota tal-istess Assistent Ġudizzjarju datata ħmistax (15) ta' Jannar 2024, a fol 246 *et seq* tal-proċess;

20. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Luca Pongiluppi**, prodott mir-rikorrent noe waqt is-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2024[3];

21. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Luca Pongiluppi**, prodott mis-soċjeta' intimata waqt is-seduta tal-erbatax (14) ta' Mejju 2024;

22. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent noe, datata erbatax (14) ta' Jannar 2024, a fol 271 *et seq* tal-proċess;

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, datata erbatax (14) ta' Marzu 2025, a fol 279 *et seq* tal-proċess;

24. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

25. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

---

[1] It-traskrizzjoni tinsab a fol 231 *et seq* tal-proċess.
[2] It-traskrizzjoni tinsab a fol 234 *et seq* tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tinsab a fol 258 *et seq* tal-proċess

**Konsiderazzjonijiet Legali**

26. Bil-kawża odjerna, ir-rikorrent noe qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi huwa dovut mis-soċjeta' konvenuta l-ammont globali ta' €40,049.51, rappreżentanti rifużjoni għal għamara ordnata iżda illi baqgħet ma ġietx konsenjata lir-rikorrent mis-soċjeta' konvenuta, u sabiex tordna illi l-isess somma tiġi rifuża lilu mis-soċjeta' konvenuta;

27. Min-naħa tagħha, is-soċjeta' konvenuta ssollevat eċċezzjoni ta' natura preliminari, u cioe l-karenza t'interess ġuridiku tar-rikorrent sabiex tiġi intavolata l-kawża odjerna, kif ukoll numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu;

28. Peress illi l-eċċezzjoni preliminari hija waħda ta' natura perentorja, din il-Qorti sejra tibda billi tindirizza din l-eċċezzjoni qabel tgħaddi għall-mertu.

***Karenza tal-Interess Ġuridiku tar-Rikorrent***

29. Is-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi kwalunkwe ħlas dovut mhuwiex dovut lir-rikorrent, iżda lil terzi persuni illi tagħhom ir-rikorrent huwa biss aġent;

30. Huwa ben saput illi min jipproponi azzjoni, għandu jkollu interess ġuridiku, u cioe hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih. Infatti, il-Qrati nostrana konsistentement sostnew illi l-interess għandu jkun **ġuridiku** (jiġifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tiegħu), **dirett u personali** (fis-sens li jkun dirett meta jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha, u personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, ħlief f'azzjoni popolari), **leġittimu** (cioe konformi għal dritt tal-attur, u mhux sempliċi interess) u **attwali** (cioe joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, konsistenti f'kondizzjoni posittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur). Inoltre, l-interess

ġuridiku għandu jibqa' jissussisti mill-bidu tal-azzjoni u tul ħajjitha kollha, u m'għandux neċessarjament ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. Rassenja ta' ġurisprudenza mogħtija f'dan is-sens tinsab riprodotta, *inter alia*, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***L-Av Dr Rachel Tua noe vs Eamon Diver et***[4];

31. Din il-Qorti rat illi, skont ftehim datat sitta (6) ta' Novembru 2019 u entitolat *Contract of Purchase and Sale (Supply) No 367_2019*[5], ġie pattwit illi, *"2.2 The BUYER undertakes to make an advance payment to the SELLER in the amount of 100% of the cost of the product within three days from the date of signing this Contract."* L-istess ġie pattwit fil-ftehim datat disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2020[6]. Fiż-żewġ każijiet, il-*BUYER* huwa indikat bħala r-rikorrent. Jiġi osservat illi l-kopji bl-Ingliż ta' dawn iż-żewġ skritturi mhumiex kopji formali, u m'għandhom l-ebda indikazzjoni ta' traduzzjoni awtentika u formali tal-iskritturi redatti bil-lingwa Russa annessi magħhom. Minkejja illi d-dokumenti Russi huma ffirmati, id-dokumenti bl-Ingliż mhumiex iffirmati;

32. Fl-affidavit tiegħu[7], ir-rikorrent jgħid:

> *9. In fact with regards to agreement number 367/2019 in the amount of €49,382.90, I paid Zenith €44,444.61 [...]*
>
> *10. With regards to agreement number 387/2020 in the amount of €26,988.30, I paid Zenith €24,290 [...]*

Ir-rikorrent jesebixxi wkoll kopja ta' transfer indikata bħala *'Payment under a Furniture Supply Agreement (Purchase and Sale) no 367/2019'* fis-somma ta' €44,444.61 lil Zenith Trading Limited[8], u oħra illi tindika lir-rikorrent bħala *Ordering Customer* u lis-soċjeta' intimata bħala *Beneficiary*

[4] Rik Ġur Nru 646/2016, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 28 ta' Frar 2017 (in ġudikat)
[5] **Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 9 *et seq* tal-proċess
[6] **Dok D** anness mar-rikors promotur, a fol 23 *et seq* tal-proċess
[7] A fol 176 tal-proċess
[8] A fol 22 tal-proċess

*Customer*, fis-somma ta' €24,290[9]. Filwaqt illi d-dokumenti huma fil-maġġor parti tagħhom bil-lingwa Russa, ir-rikorrent ikkonferma bil-ġurament tiegħu l-kontenut tagħhom fil-paragrafi 9 u 10 fl-affidavit tiegħu;

33. Ir-rikorrent jgħid ukoll fl-affidavit tiegħu[10]:

> *11. Therefore, in total, I paid Zenith €68,734.61 from my own personal accounts directly to the account, which Zenith provided to me;*
>
> *[...]*
>
> *17. I must explain that in this case the client had paid me directly, since I had signed the agreements directly with Zenith by myself, and in turn I had paid Zenith the total amount of €68,734.61 as explained above;*
>
> *18. Therefore, when Zenith failed to deliver the goods, the client started prosecuting me to refund the amount, which he had paid me;*
>
> *19. Because of these circumsntaces and also because Zenith was alleging that it was unable to send money to my accounts, I had instructed Zenith to transfer the refunds directly to the client, so as to make sure that the refunds – which Zenith had to pay me, and which I had to pay to the client – will reach the client as soon as possible;*

34. Jidher għalhekk illi r-rikorrent kellu ftehim, fejn il-klijent tiegħu kien jgħaddi l-pagament lilu, u hu, bħala l-persuna illi kellha relazzjoni kuntrattwali mas-soċjeta' konvenuta, kienet tgħaddi l-pagament lis-soċjeta' konvenuta, iżda

[9] A fol 34 tal-proċess
[10] A fol 177 tal-proċess

b'għaxra fil-mija (10%) inqas, liema persentaġġ kien jirrappreżenta l-*commission* illi huwa kien jieħu fuq is-somma dovuta lis-soċjeta' konvenuta[11];

35. Għaldaqstant, filwaqt illi huwa minnu illi mill-korrispondenza esebita mir-rikorrent bħala **Dok Z** a fol 206 *et seq* tal-proċess ir-rikorrent jidher illi qiegħed jinsisti ma' Luca Pongiluppi, Direttur tas-soċjeta' konvenuta, sabiex il-flus jgħaddu direttament għand il-klijent tar-rikorrent, din il-Qorti tqis illi kkunsidrat il-fatt illi (a) ai termini tal-ftehim illi kellhom il-partijiet bejniethom, kien ir-rikorrent illi kien marbut jgħaddi l-pagament lis-soċjeta' konvenuta għax-xogħol ordnat, u (b) skont il-*proof of payments* annessi mar-rikors promotur u suriferiti, il-ħlasijiet effettivament saru mir-rikorrent lis-soċjeta' konvenuta, ir-rikorrent għandu interess ġuridiku, dirett u personali, leġittimu u attwali rikjest sabiex jintavola l-kawża odjerna;

36. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, għal kull buon fini jingħad illi, minkejja illi, fit-tieni eċċezzjoni minnha sollevata, is-soċjeta' intimata teċċepixxi illi r-rikorrent kellu jressaq prova ta' dak attwalment miftiehem stante illi l-kuntratti esebiti mir-rikorrent huma bil-lingwa Russa u la l-istess kuntratti u lanqas it-traduzzjoni tal-istess m'huma awtentikati, Luca Pongiluppi fl-ebda punt tal-proċeduri ma jikkontesta dak premess mir-rikorrent in kwantu jirrigwarda l-ftehim fuq iż-żewġ skritturi. Anzi, mistoqsi in kontro-eżami min kien jikkuntratta għas-soċjeta' konvenuta meta klijent ikun Russu, Pongiluppi jwieġeb, *"when we have a client a Russian client we make a contract from a Russian lawyer in Russia"*, b'dana għalhekk illi li kieku l-ftehim kien differenti minn dak premess mir-rikorrent, is-soċjeta' konvenuta kienet iġġib prova illi l-ftehim kien effettivament differenti, speċjalment meta wieħed jikkonsidra illi ssollevat eċċezzjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, din il-Qorti rat illi fil-korrespondenza esebita mir-rikorrent u mhux kontestata mis-soċjeta' konvenuta, **Luca Pongiluppi** kien qal lir-rikorrent:

[11] Vide para 9 u 10 fl-affidavit tiegħu a fol 176 tal-proċess

> *I have now received a communication from my bank headquarters. The 2 transfers will be sent back and my account blocked for checks on movements to and from Russia. They ask me to provide my clients' payment documents as well. The account is reported because in a week I made two transfers to the same recipient as a refund to a company that had never sent me anything.* ***The incoming money came from you, and now I'm writing a refund to a company****. I now have to prove that this is not about money laundry. Really a disaster.*[12]

37. Din hija ammissjoni ċara, fil-fehma tal-Qorti, da parti ta' Luca Pongiluppi, illi irrispettivament minn dak illi kien ġie pattwit mill-partijiet fiż-żewġ skritturi annessi mar-rikors promotur, kien ir-rikorrent illi għadda l-pagament lis-soċjeta' konvenuta, u s-soċjeta' konvenuta kienet issa qed tipprova tirrifondi s-somma mħallsa mir-rikorrent lil terz, fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta. Dan jikkorrabora dak sostnut mir-rikorrent, u cioe illi kien hu stess illi kien obbligat jgħaddi l-pagamenti lis-soċjeta' konvenuta, u ta struzzjonijiet lis-soċjeta' konvenuta sabiex tgħaddi r-rifużjoni direttament lill-klijent tiegħu sabiex jissimplifika sitwazzjoni illi jidher illi kienet qed tikkomplika ruħha;

38. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta għandha tiġi respinta, filwaqt illi t-tieni eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' konvenuta sejra titqies bħala sorvolata.

***Il-Mertu tal-Kawża Odjerna***

39. Rigward il-mertu, is-soċjeta' konvenuta tissolleva żewġ eċċezzjonijiet oħra:

(a) Illi l-ftehim ma setax jiġi esegwit stante nuqqas da parti tal-klijent; u

[12] Vide messaġġ spedit nhar it-28 ta' Mejju 2021 f'12:09, a fol 210 tal-proċess (emfasi tal-Qorti)

(b) Illi l-pagamenti magħmula lill-klijent mis-soċjeta' konvenuta huma aktar minn dak indikat fir-rikors promotur;

40. Din il-Qorti rat illi, fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ma nġabet l-ebda prova da parte tas-soċjeta' konvenuta. Infatti, is-soċjeta' konvenuta sejset il-provi tagħha, fil-maġġor parti, fuq l-eċċezzjoni tal-karenza t'interess ġuridiku, u dan a skapitu tal-eċċezzjonijiet l-oħra minnha sollevata. Din il-Qorti għalhekk hija tal-fehma illi din il-eċċezzjoni wkoll għandha tiġi respinta;

41. Fir-rigward tal-pagamenti magħmula mis-soċjeta' konvenuta, din il-Qorti rat illi r-rikorrent isostni fl-affidavit tiegħu[13] illi:

> *16. In March 2021, Zenith returned the amount of €9,000; in June 2021, Zenith returned the amount of €5,000 (DOK: VTZ4); in August 2021, Zenith returned the amount of €9,000 (DOK: VTZ5); and in October 2021, Zenith returned the amount of €4,500 (DOK: VTZ6);*
>
> *[...]*
>
> *21. Therefore, from the total amount of €68,734.61 I paid to Zenith, one must reduce the value of the abovementioned coffee table in the amount of €1,185 together with the total amount of €27,500, which Zenith refunded to me by paying directly to the client, as explained above, which leaves a balance of €40,049.61 that is due to me;*

42. Madanakollu, **Luca Pongiluppi** jesebixxi żewġ *transfer confirmations*, u cioe *transfer confirmation* fis-somma ta' €9,000 datata tlettax (13) ta' Mejju 2021 (**Dok X1** a fol 265 tal-proċess)[14], u *transfer confirmation* fis-somma ta' €9,900 datata sebgħa (7) ta' Mejju 2021 (**Dok X2** a fol 266 tal-proċess).

[13] A fol 176 tal-proċess
[14]

Dawn iż-żewġ *transfers* jirriżultaw ukoll mill-korrespondenza esebita bħala **Dok Z** a fol 206 tal-proċess, fejn jingħad:

> 13.05.2021, 17:53 – Luca Pongiluppi : *There are not approval problem, just a matter of time. I made 7 may at the same details. Tomorrow I will check again.*
>
> 13.05.2021, 21:24 – Valery Zhogolev: *Luca, did you send the next payment today?*
>
> 13.05.2021, 21:27 – Luca Pongiluppi: *Yes, I wait for receipt cause was late in the afternoon.*

43. Madanakollu, hekk kif jirriżulta mill-messaġġ riprodott aktar 'il fuq, spedit lir-rikorrent minn Luca Pongiluppi nhar it-28 ta' Mejju 2021, Luca Pongiluppi ġie informat illi *"The 2 transfers will be sent back and my account blocked"*, b'dana għalhekk illi din il-Qorti tifhem illi dawn it-transazzjonijiet ma seħħux. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tarax illi għandha tnaqqas dawn iż-żewġ pagamenti mill-ammont pretiż mir-rikorrent;

44. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, ikkunsidrat il-fatt illi r-rikorrent ġab prova illi huwa kien għadda l-pagamenti lis-soċjeta' rikorrenti fis-somma globali ta' €68,734.61, illi minnha mhux qiegħed jippretendi rifużjoni fis-somma globali ta' €28,685, ġie sodisfaċentement pruvat, fil-fehma tal-Qorti, illi huwa dovut lilu bilanċ fis-somma ta' €40,049.61, b'dana illi t-talbiet rikorrenti jistħoqqilhom jintlaqgħu;

45. F'dak illi jirrigwarda l-imgħax, din il-Qorti tqis illi l-imgħax għandu jiddekorri mid-data illi fiha kellha tiġi esegwita l-obbligazzjoni, u dan ai termini tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap 16; madanakollu, din il-Qorti rat illi l-aħħar pagament, skont ir-rikorrent, għadda f'Ottubru 2021. Għaldaqstant, din il-Qorti mhix ser tordna illi l-imgħaxijiet jiddekorru mit-tlieta (3) ta' Frar 2020 kif pretiż mir-rikorrent fir-rikors promotur, iżda mill-ewwel (1) ta' Novembru

2021, sad-data tal-effettiv pagament. Dan bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) skont il-liġi.

**Decide**

46. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba rikorrenti stante illi ġiet sorvolata fil-mori tal-kawża;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba u tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tal-attur fis-somma ta' erbgħin elf, disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51);

(iii) **<u>Tilqa</u>'** t-tielet talba u tikkundanna lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' erbgħin elf, disgħa u erbgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€40,049.51), bl-imgħaxijiet fir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mill-1 ta' Novembru 2021, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Settembru 2021, kontra s-soċjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**